# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 19 ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru 216/15 FDP**

**Joseph Sammut**
**(ID 471857M)**

**vs**

**George Camilleri**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 21 ta' Lulju 2015 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu is-somma ta' tlett elef, sebgha mija u hamsin Euro bhala dritt ta' appogg bejn il-propretajiet 15 u 17, Grognet Street, Mosta, liema xoghol sar skond il-permess PA 847/11.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresnetat fis 16 ta' Ottubru 2015 fejn l-intimat laqa' ghal dak mitlub billi sahaq, in linea preliminari, illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap 16 tal-Ligijet ta' Malta filwaqt illi, fil-meritu, sahaq illi huwa ma appoggax mal-hajt u mhux qed jaghmel uzu mill-hajt tal-attur filwaqt illi insista illi dak mitlub kien esagerat.

Rat illi fit 23 ta' Novembru 2015, il-Qorti ordnat illi jinstemghu provi dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-intimat, ossija dik relatata mal-preskrizzjoni abbazi tal-Artikolu 1222 (1) tal-Kap 16.

Semghet ix-xhieda ta' **Joseph Sammut**, prodott mill-intimat, bil-gurament moghtija fit 23 ta' Novembru 2015, wara liema xhieda l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fit 23 ta' Novembru 2015, l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta dwar l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Rat illi fit 28 ta' Jannar 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellu ebda provi x'jippresenta dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat illi fit 28 ta' Jannar 2016 il-kawza giet differita ghal finali trattazzjoni.

Rat illi fis 7 ta' April 2016, saret trattazzjoni da' parte ta' l-avukat tar-rikorrent biss stante illi l-avukat ta' l-intimat ma deherx, ghalkemm imsejja diversi drabi u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' referenzi illi ppresenta r-rikorrent fis 7 ta' April 2016.

**Ikkunsidrat**

L-intimat, fl-eccezzjonijiet tieghu, qajjem id-difiza illi l-azzjoni odjerna hija kolpita mill-periodu ta' preskrizzjoni ikkontemplata fl-Artikolu 1222 (1) tal-Kap 16.

L-Artikolu 1222 tal-Kap 12, illi jinsab f'Taqsima II tal-Kodici Civili, fit-Titolu IV intitolat 'Fuq l-Obbligazzjonijiet in generali', Sub-Titolu V intitolat 'Fuq il-Mod li bih jispiccaw l-Obbligazzjonijiet', taht is-sezzjoni lli tikkontempla "Fuq ir-Rexissjoni", jghid is-segwenti:

> *(1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, egħmil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil- preskrizzjoni egħluq sentejn.*
>
> *(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza.*

Ir-rikorrenti, da parte tieghu, sahaq illi l-artikolu tal-Ligi rigwardanti il-preskrizzjoni illi setghet tigi invokata in linea ma' l-azzjoni mehudha llum, hija l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi harsa lejn l-Artikolu 1222 u l-ambitu illi fih tali artikolu huwa redatt juri bic-car li tali periodu ta' preskrizzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 1222 ma japplikax ghal kaz ta' rikjesta ta' hlas ghall-appogg, izda japplika ghal talbiet ghal "rexissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta" u "rexissjonijiet ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza".

Jirrizulta car illi, fil-kaz odjern, ma qieghed jintalab ebda rexissjoni da parte tar-rikorrenti, izda qieghed jintalab hlas ghal fatt illi l-intimat allegatament appogga l-hajt tieghu fuq il-hajt tar-rikorrent.

Jirrizulta illi tali tip ta' azzjoni hija wahda ta' "hlas" u ghalhekk ghandhom japplikaw ghaliha r-regoli ta' preskrizzjoni stabbiliti fl-artikolu 2147 et seq tal-Kap 16.

Jirrizulta illi tali azzjoni tinkwadra ruhha fid-definizzjoni ta' "azzjonijiet ta' hlas ta' kull kreditu iehor" kif pprovdud fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16, bir-rizultat illi l-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz odjern huwa dak ta' hames snin u mhux dak ta' sentejn illi ghalih irrefera l-intimat.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma tirrizultax fondata

**Konkluzjoni**

Il-Qorti ghalhekk,

Wara rat l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat dwar preskrizzjoni abazi tal-Artikolu 1222 (1) tal-Kap 16

U wara illi semghet it-trattazzjoni fuq tali eccezzjoni

Tichad tali eccezzjoni stante illi ma hijex fondata legalment u ghalhekk

Tordna illi l-kawza titkompla bis-smiegh taghha fis-seduta li jmiss

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur